

Rapport Speċjali

## Tranżizzjoni ekoloġika

Mhijiex ċara l-kontribuzzjoni mill-Faċilità  
għall-Irkupru u r-Reżiljenza



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

# Werrej

	Paragrafu
<b>Sommarju eżekuttiv</b>	I - VI
<b>Introduzzjoni</b>	01 - 09
<b>Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-karatteristiċi prinċipali tagħha</b>	01 - 03
<b>It-tranzizzjoni ekoloġika taħt l-RRF</b>	04 - 05
<b>It-trekkjar klimatiku taħt l-RRF</b>	06 - 09
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	10 - 14
<b>Osservazzjonijiet</b>	15 - 69
<b>Il-kontribuzzjoni mill-RRF u l-pjanijiet nazzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika tista' tkun stmata b'mod eċċessiv</b>	15 - 35
Sfidi fil-qafas tal-RRF f'termini ta' stima tal-kontribuzzjoni għall-klima u l-kopertura tat-tranżizzjoni ekoloġika	16 - 24
Kontribuzzjoni mhux ċara tal-miżuri ppjanati tal-RRF għall-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ekoloġika	25 - 35
<b>Indikazzjoni dgħajfa ta' kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika</b>	36 - 47
Inkonsistenzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"	36 - 43
Mhux il-miżuri kollha rilevanti għall-klima huma ekoloġiċi daqs kemm ippjanat	44 - 47
<b>Ir-rappurtar tal-RRF dwar l-infiq fuq il-klima u dwar it-tranżizzjoni ekoloġika huwa maqtugħ mill-kostijiet u r-riżultati reali</b>	48 - 69
Punti mhux viżibbli fil-wiri tal-prestazzjoni tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika tal-RRF	48 - 53
L-ebda rappurtar dwar l-infiq reali għall-azzjoni klimatika	54 - 59
L-ebda rabta bejn l-infiq u r-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika	60 - 69
<b>Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet</b>	70 - 77
<b>Anness– L-għażla tagħna ta' miżuri</b>	

**Abbrevjazzjonijiet**

**Glossarju**

**Risposti tal-Kummissjoni**

**Kronoloġija**

**Tim tal-awditjar**

## Sommarju eżekuttiv

**I** Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) hija strument temporanju li kien tnieda f'Mejju 2020 biex jgħin lill-Istati Membri jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19, b'EUR 648 biljun disponibbli, minn Frar 2024. It-tranżizzjoni ekoloġika hija wieħed mill-pilastri tal-Faċilità. L-Istati Membri kellhom jallokaw mill-inqas 37 % tal-allokkazzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-azzjoni klimatika. Il-Kummissjoni vvalutat li din il-mira kienet diġa nqabżet fl-istadju tal-ippjanar, u fejn inkisbet rata ta' 42.5 %.

**II** L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li nivvalutaw jekk it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-RRF u tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwux b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika. Ivvalutajna l-kontribuzzjoni li saret għat-tranżizzjoni ekoloġika mill-miżuri magħżula, l-istadji importanti u l-miri tagħhom, u l-koeffiċjenti klimatiċi tagħhom. Irrieżaminajna wkoll kif dawn il-miżuri qed jimxu 'l quddiem u kif jiġu mmonitorjati minn perspettiva ta' tranżizzjoni ekoloġika. Fl-aħħar nett, eżaminajna kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrappurtaw informazzjoni dwar l-infiq fuq il-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika.

**III** Wettaqna dan l-awditu minħabba li t-tranżizzjoni ekoloġika u l-miri klimatiċi tal-UE huma fuq quddiem fl-aġenda politika. Nistennew li r-riżultati ta' xogħolna jikkontribwixxu lejn id-dibattitu dwar kif għandhom jiġu mfassla u implimentati strumenti futuri b'objettivi ambjentali u klimatiċi. Nistennew ukoll li xogħolna jservi ta' kontribut biex tittejjeb l-effettività tal-fondi tal-UE għall-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ekoloġika fil-kuntest tal-miri klimatiċi ambizzjużi tal-UE għall-2030 u għall-2050.

**IV** Sibna nuqqasijiet fit-tfassil kemm tal-qafas tal-RRF kif ukoll fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza fl-Istati Membri awditjati. Kien hemm ukoll inkonsistenzi fl-implimentazzjoni tal-miżuri, relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u l-objettivi klimatiċi. B'mod partikolari, osservajna li t-trekkjar tan-nefqa fuq il-klima jinvolvi livell għoli ta' approssimazzjoni u xi koeffiċjenti kienu qed iwasslu għal stimi aktarx eċċessivi. Sibna indikazzjonijiet dgħajfa dwar kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika, u sibna wkoll li l-kontribuzzjoni lejn l-objettivi u l-miri klimatiċi ma tiġix ivvalutata, billi mhijiex rikjesta mil-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, sibna li r-rappurtar dwar l-infiq fuq il-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika huwa maqtugħ mill-kostijiet u r-riżultati reali, u dan jillimita r-rilevanza tiegħu għall-partijiet ikkonċernati.

**V** Nikkonkludu li d-dgħufijiet identifikati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-Faċilità jqajmu dubji dwar l-ilħuq tal-objettivi klimatiċi u ambjentali tagħha. B'hekk, inqisu li l-kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għat-tranżizzjoni ekoloġika mhijiex ċara.

**VI** Fuq il-bażi tas-sejbiet tagħna, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:


- tistma aħjar l-infiq fuq il-klima taħt strumenti ta' finanzjament futuri;
- tiżgura tfassil adegwat ta' strumenti ta' finanzjament futuri li se jappoġġaw l-objettivi u l-miri ambjentali u klimatiċi;
- issaħaħ il-prestazzjoni tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika;
- ittejjeb ir-rappurtar dwar l-infiq fuq il-klima taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

# Introduzzjoni

## Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-karatteristiċi prinċipali tagħha

**01** F'Mejju 2020, l-UE nediet in-[NextGenerationEU](#) (NGEU) bħala strument temporanju biex tgħin lill-Istati Membri jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19. In-NGEU jikkonsisti f'sa EUR 731 biljun (bil-prezzijiet tal-2022), li huwa addizzjonali għall-baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027. Fil-qalba tiegħu hemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)<sup>1</sup> – il-[Figura 1](#). L-għan tal-RRF huwa li jimmitiga l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Istati Membri jsiru aktar sostenibbli u reżiljenti. L-RRF jenħtieġ li tgħin lill-Istati Membri jħejju aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Barra minn hekk, f'Mejju 2022, l-UE nediet il-pjan [REPowerEU](#) bħala rispons għall-kriżi globali tal-enerġija, u żiedet EUR 19-il biljun f'għotjiet lill-RRF minn Frar 2024.

**Figura 1 – Il-baġit tan-NGEU (fi Frar 2024)**



*Nota:* l-ammonti kollha huma stabbiliti bil-prezzijiet tal-2022.

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF, fi Frar 2024.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ir-Regolament dwar l-RRF).

**02** Il-Kummissjoni **timmaniġġja direttament** l-RRF. Dan ifisser li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-RRF, inkluż il-monitoraġġ tal-progress tagħha u l-valutazzjoni tar-riżultati tagħha. Kull Stat Membru huwa eliġibbli għal sehem mill-fondi disponibbli tal-RRF, li jinħadem abbażi ta' formula speċifika<sup>2</sup>. Kull Stat Membru jippreżenta Pjan nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP), li jiġi vvalutat mill-Kummissjoni<sup>3</sup> u approvat mill-Kunsill. L-RRPs jinkludu sensiela ta' miżuri, li jikkonsistu f'riforami u investimenti. L-istadji importanti u l-miri huma assoċjati ma' kull miżura biex jiġu traċċati l-kisbiet kwalitattivi u kwantitattivi<sup>4</sup>. Il-Kummissjoni adottat sett ta' indikaturi komuni għar-rappurtar u l-monitoraġġ tal-progress tal-RRF lejn l-oġettivi tagħha<sup>5</sup>.

**03** L-RRF topera abbażi ta' mudell ġdid ta' finanzjament. Għall-kuntrarju tal-biċċa l-kbira mill-baġit tal-UE, fejn il-finanzjament jiġi pprovdut abbażi tal-kostijiet imġarrba, il-Kummissjoni tagħmel pagamenti taħt l-RRF lill-Istati Membri ("żborżi") malli l-istadji importanti u l-miri jintlaħqu b'mod sodisfaċenti. Madankollu, meta fasslu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri kellhom jindikaw il-kostijiet stmati għal kull miżura, biex jiġġustifikaw l-ammont mitlub ta' għotjiet jew self tal-RRF<sup>6</sup>. Inkella, l-ammont kien jitnaqqas biex jaqbel mal-kostijiet stmati. Il-**Figura 2** tagħti sommarju tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-fażijiet differenti.

---

<sup>2</sup> L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241.


<sup>3</sup> Ir-Rapport Speċjali 21/2022 dwar il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

<sup>4</sup> Ir-Rapport Speċjali 26/2023 dwar il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Faċilità għall-irkupru u r-Reżiljenza.

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 li jistabbilixxi l-indikaturi komuni.

<sup>6</sup> L-Anness V, il-punt 3, tar-Regolament dwar l-RRF.

## Figura 2 – Rwoli u responsabbiltajiet



Sors: il-QEA.

## It-tranzizzjoni ekoloġika taħt l-RRF

**04** Il-miżuri taħt l-RRF jirreferu għal oqsma ta' politika li huma rilevanti madwar l-UE, u li huma strutturati taħt sitt pilastri: wieħed minn dawn il-pilastri huwa t-tranżizzjoni ekoloġika (il-**Figura 3**). Il-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika jinkludi kemm l-oġettivi klimatiċi kif ukoll daww ambjentali. Il-miżuri taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li jikkontribwixxu:

- o għall-ilħuq tal-**miri klimatiċi** tal-UE għall-2030 (il-**Kaxxa 1**) u għall-ħidma lejn l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050<sup>7</sup>; u
- o għas-sostenibbiltà ambjentali.


Jenħtieġ li l-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika jrawmu t-tkabbir sostenibbli, joħolqu l-impjiegi u jippreservaw is-sigurtà tal-enerġija. It-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li tiġi appoġġata minn riformi u investimenti f'teknoloġiji u kapaċitajiet ekoloġiċi, inkluż fil-bijodiversità, l-effiċjenza enerġetika, ir-rinnovazzjoni tal-binjiet u l-ekonomija ċirkolari<sup>8</sup>.

---

<sup>7</sup> L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-RRF.

<sup>8</sup> Il-Premessa 11 tar-Regolament dwar l-RRF.

**Figura 3 - Il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-oqsma ta' politika tiegħu**



Sors: il-QEA, abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF.

## Kaxxa 1



### Il-miri klimatiċi tal-UE għall-2030

- (a) It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) b'mill-inqas 55 %, meta mqabbla mal-livelli tal-1990
- (b) L-ilħuq ta' mill-inqas sehem ta' 42.5 % fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-enerġija kkunsmata, bl-aspirazzjoni li jintlaħaq 45 %
- (c) It-tnaqqis tal-konsum finali tal-enerġija b' 11.7 %, meta mqabbel mal-konsum tal-enerġija previst għall-2030, abbażi tax-xenarju ta' referenza tal-2020

Sors: l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika u l-modifiki sussegwenti, inkluża d-Direttiva (UE) 2023/2413 dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-Effiċjenza Enerġetika.

**05** L-Istati Membri u l-Kummissjoni vvalutaw, abbażi tal-indikazzjonijiet mill-Istati Membri u mill-ġudizzju kwalitattiv tal-Kummissjoni stess, jekk kull RRP jirnexxilux jilħaq bilanċ bejn il-pilastri. Abbażi ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni assenjat miżura lil kull pilastru primarju u pilastru sekondarju, abbażi tal-objettiv iddikjarat ta' miżura. Dan imbagħad ġie vverifikat mal-Istati Membri, u inkluż fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF – il-pjattaforma ta' rappurtar għall-RRF. Fi Frar 2024, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF indikat li kien hemm 984 miżura li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika.

## It-trekkjar klimatiku taħt l-RRF

**06** L-UE impenjat lilha nfisha li tonfoq mill-inqas 30 % tal-baġit għall-perjodu 2021-2027 fuq l-azzjoni klimatika<sup>9</sup>. Taħt l-RRF, kull Stat Membru jeħtieġli jiddedika mill-inqas sehem ta' 37 % tal-allokkazzjoni totali tal-finanzjament tal-RRF tiegħu għall-miżuri tal-azzjoni klimatika, jiġifieri, l-adattament jew għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inklużi azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi tal-2030 (il-Kaxxa 1). Il-mira ta' 37 % tippovdi lill-Istati Membri bl-opportunità - u r-rekwiżit — li fl-RRPs tagħhom jinkludu sehem sinifikanti ta' miżuri rilevanti għall-azzjoni klimatika. Dawn il-miżuri kollha huma marbuta mal-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika.

<sup>9</sup> Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet – Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew, EUCO 10/20, 2020, p. 7.

**07** Biex tiġi kkalkulata din il-kontribuzzjoni għall-klima ta' 37 %, ir-Regolament dwar l-RRF jinkludi l-metodoloġija għat-“trekkjar klimatiku”, li hija bbażata fuq il-koeffiċjenti klimatiki. Il-metodoloġija hija verżjoni adattata tal-**indikaturi ta' Rio** introdotti fl-1998 mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u hija komuni għall-fondi kollha tal-UE, inkluża l-RRF, matul il-perjodu 2021-2027<sup>10</sup>.

**08** Il-koeffiċjenti klimatiki tal-UE huma “bbażati fuq l-attività”<sup>11</sup>: ir-Regolament dwar l-RRF jinkludi lista ta' 181 qasam ta' intervent, li jkopru diversi oqsma ta' investiment, eż. assi fissi jew intanġibbli, riċerka u żvilupp, enerġija u trasport. Kull qasam ta' intervent huwa assoċjat ma' koeffiċjent klimatiku bbażat fuq l-effett mistenni tal-attività fuq il-klima<sup>12</sup>. Il-koeffiċjenti jistgħu jkunu jew 0 %, 40 %, jew inkella 100 % (il-**Figura 4**). Hemm 64 qasam ta' intervent b'koeffiċjent klimatiku pożittiv (40 % jew 100 %).

**Figura 4 – It-tliet koeffiċjenti klimatiki tal-UE skont il-kontribuzzjoni għall-klima mistennija tagħhom**



Sors: il-QEAECA, abbażi ta' [SWD\(2022\) 225](#), Climate mainstreaming architecture in the 2021-2027 period.

**09** L-ammont totali tal-kontribuzzjoni għall-klima mistennija għal kull Stat Membru jiġi kkalkulat billi l-koeffiċjenti klimatiki korrispondenti jiġu mmultiplikati bil-kostijiet stmati ta' kull miżura tal-RRF, abbażi tal-qasam ta' intervent assenjat tal-miżura. L-oqsma ta' intervent huma proposti mill-Istati Membri u kkontrollati mill-Kummissjoni bħala parti mill-valutazzjoni tagħha. L-istima aggregata tal-Istati Membri tal-UE ammontat għal madwar 40 % tal-allokkazzjonijiet tal-RRF, jew EUR 203 biljun mill-EUR 504 biljun inizjalment ibbaġitjati mill-Istati Membri. Fi Frar 2024,

<sup>10</sup> [SWD\(2022\) 225](#), Climate mainstreaming architecture in the 2021-2027 period, p. 9.

<sup>11</sup> *Ibid.*, p. 5.

<sup>12</sup> *Ibid.*

il-kontribuzzjoni għall-klima ġiet riveduta għal EUR 275 biljun (42.5 %) minn total ta' EUR 648 biljun (il-Figura 5).

**Figura 5 – Kontribuzzjoni għall-klima mistennija mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont l-Istat Membru**



Sors: il-QEA, abbażi tas-27 RRP, fi Frar 2024.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**10** L-objettiv tal-awditu li wettaqna kien li nivvalutaw jekk it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-RRF u tal-RRPs jikkontribwux b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika. Ivvallutajna l-kontribuzzjoni li saret għat-tranżizzjoni ekoloġika mill-miżuri magħżula, l-istadji importanti u l-miri tagħhom, u l-koeffiċjenti klimatiċi tagħhom. Irrieżaminajna wkoll kif dawn il-miżuri qed jimxu 'l quddiem u kif jiġu mmonitorjati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-RRPs għall-miri klimatiċi. Fl-aħħar nett, eżaminajna kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrappurtaw informazzjoni dwar l-infiq fuq il-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika appoġġata mill-RRF.








**11** Wettaqna dan l-awditu minħabba l-livell għoli ta' interess fil-kontribuzzjoni tal-RRF għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-miri klimatiċi tal-UE, meta wieħed iqis il-materjalità u t-tfassil ġdid tagħha. Dan l-awditu jespandi fuq ix-xogħol preċedenti tagħna fil-qasam, b'mod partikolari r-rapporti ppubblikati dwar il-[valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-RRPs](#), il- [qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-RRF](#). L-awditu li wettaqna jżid ma' u jikkomplementa x-xogħol addizzjonali li għaddej dwar il-finanzjament doppju, l-assorbiment tal-fondi tal-RRF u s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri għall-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku. Jibni wkoll fuq xogħol preċedenti tagħna dwar [l-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE](#).

**12** L-awditu li wettaqna kopra l-perjodu mill-adozzjoni tar-[Regolament dwar l-RRF](#) fl-2021 sa Frar 2024. Biex nirrieżaminaw il-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika fl-RRPs, għażilna erba' Stati Membri għal żjarat fuq il-post: il-Greċja, il-Kroazja, il-Portugall u s-Slovakkja. L-għażla tagħna ta' Stati Membri ħadet inkunsiderazzjoni il-kopertura preċedenti minn kompiti oħra tal-QEA. Barra minn hekk, ibbażajna l-għażla fuq l-analiżi tar-riskju li wettaqna tal-miżuri ttaggjati għall-klima, fuq l-istatus ta' implimentazzjoni tal-RRPs fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, u l-kopertura ġeografika.

**13** F'dan ir-rapport, iffukajna fuq l-investimenti billi għażilna 6 għal kull Stat Membru eżaminat (total ta' 24 miżura – [l-Anness](#)). Dan il-kampjun kien jinkludi total ta' 55 (sub)miżura b'kontribuzzjoni pożittiva għall-klima. Din l-għażla twettqet qabel ma ġew approvati l-kapitoli REPowerEU u kienet ibbażata fuq ir-rilevanza tal-miżuri għat-tranżizzjoni ekoloġika, fuq il-materjalità tagħhom, fuq il-kopertura ta' objettivi klimatiċi differenti, u fuq l-istatus tal-implimentazzjoni. Dan l-awditu ma jkoprix il-proċess ta' evalwazzjoni u għażla biex jiġu ddeterminati l-miżuri tal-RRF eliġibbli għall-finanzjament mill-bonds ekoloġiċi tal-UE. Madankollu, l-analiżi li wettaqna tal-miżuri rilevanti għall-klima tal-RRF tista' sservi bħala input għal kwalunkwe awditu

futur potenzjali li jiffoka fuq il-bonds ekoloġiċi. Il-**Figura 6** turi l-approċċ tal-awditjar tagħna.

### Figure 6 – Xogħol imwettaq

-  Rieżaminar tad-*data* u d-dokumenti rilevanti, inklużi d-dokumentazzjoni strateġika, leġislattiva, tal-politika, tal-proġetti dwar l-RRF u t-tranżizzjoni ekoloġika u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF
-  Rieżaminar tal-miżuri kollha ttaggjati għall-klima inklużi fl-RRPs kollha, u l-istadji importanti u l-miri stabbiliti
-  Intervisti mal-awtoritajiet tal-Istati Membri involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-RRPs, inkluż, fejn rilevanti, ir-riċevituri finali, fl-Istati Membri magħżula
-  Analiżi fil-fond ta' 24 miżura fl-Istati Membri magħżula, selezzjonati minn fost dawk l-aktar rilevanti f'termini tal-kontribuzzjoni tagħhom għat-tranżizzjoni ekoloġika, permezz ta' analiżi mhux fuq il-post u żjarat fuq il-post
-  Valutazzjoni tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri magħżula, b'fokus fuq il-progress tal-istadji importanti u l-miri li huma marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika
-  Intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u t-Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza) responsabbli mit-tmexxija tal-implimentazzjoni tal-RRF
-  Intervisti mal-partijiet ikkonċernati u mal-esperti dwar il-klima

Sors: il-QEA.


**14** Nistennew li xogħolna jgħin lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-qafas legali għat-tranżizzjoni ekoloġika, ir-rilevanza tal-miżuri ttaggjati għall-klima u l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar il-kontribuzzjoni tal-UE għall-klima. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna se jkunu utli biex tittejjeb l-effettività ta' fondi tal-UE għall-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ekoloġika fil-kuntest tal-miri klimatiki ambizzjużi tal-UE għall-2030 u għall-2050.

# Osservazzjonijiet

## Il-kontribuzzjoni mill-RRF u l-pjanijiet nazzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika tista' tkun stmata b'mod eċċessiv

**15** Il-*Figura 7* tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-kontribuzzjoni għall-klima, kif stmata fl-RRPs nazzjonali, li hija diżaggregata skont koeffiċjent klimatiku u qasam ta' intervent. Minn 64 qasam ta' intervent b'koeffiċjent klimatiku pożittiv, 8 jirrappreżentaw 59 % tal-allokkazzjoni ppjanata (il-paragrafu *09*).

**Figure 7 – Diżaggregazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima skont it-tip ta' intervent u l-koeffiċjent klimatiku**



Sors: il-QEA, abbażi tas-27 RRP, fi Frar 2024.

## Sfidi fil-qafas tal-RRF f'termini ta' stima tal-kontribuzzjoni għall-klima u l-kopertura tat-tranżizzjoni ekoloġika

### Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**16** F'konformità mar-Regolament dwar l-RRF<sup>13</sup>, jenħtieġ li l-RRF tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika, għall-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u għan-newtralità klimatika sal-2050. Jenħtieġ li l-miżuri jiġu assenjati lill-oqsma ta' intervent li għandhom koeffiċjenti klimatiċi rilevanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-progress li jkun sar lejn l-oġettivi klimatiċi u ambjentali tal-RRF.

**17** Eżaminajna jekk il-qafas eżistenti tal-RRF huwiex imfassal biex jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u għall-2050. Analizzajna l-kunċetti ewlenin tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trekkjar klimatiku, u x'jinvolvu. Analizzajna wkoll il-lista tal-oqsma ta' intervent u tal-koeffiċjenti klimatiċi li ġew approvati fil-leġiżlazzjoni, u l-indikaturi komuni adottati mill-Kummissjoni.

**18** Il-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika tirreferi għal riformi u investimenti f'teknoloġiji u kapaċitajiet ekoloġiċi, inkluż fil-bijodiversità, l-effiċjenza enerġetika, ir-rinnovazzjoni tal-binjiet u l-ekonomija ċirkolari<sup>14</sup> (il-paragrafu 04). Għalhekk, it-tranżizzjoni ekoloġika għandha kamp ta' applikazzjoni usa' mill-azzjoni klimatika, billi tinkludi l-oġettivi tal-bijodiversità u dawk ambjentali. Madankollu, ir-Regolament dwar l-RRF jistabbilixxi sistema ta' trekkjar, b'mira kwantitattiva ta' 37 %, għall-miżuri relatati mal-klima biss (il-paragrafu 06), iżda ma jistabbilix mira għall-miżuri ambjentali. Tabilħaqq teżisti sistema ta' trekkjar għall-oġettivi ambjentali<sup>15</sup>, iżda ma tintużax, billi r-Regolament dwar l-RRF ma jistabbilix mira kwantitattiva għaliha.

**19** Fir-rapport speċjali tagħna dwar l-infiq fuq il-klima<sup>16</sup>, osservajna li l-metodoloġija li tintuża għat-trekkjar tal-azzjoni klimatika tinvolvi livell għoli ta' approssimazzjoni. Indikajna wkoll li l-koeffiċjenti klimatiċi ma jippermettux kwantifikazzjoni eżatta tal-kontribuzzjoni għall-klima mistennija.

<sup>13</sup> L-Artikolu 4, il-Premessi 26 u 63 tar-Regolament dwar l-RRF.

<sup>14</sup> Il-Premessa 11 tar-Regolament dwar l-RRF.

<sup>15</sup> L-Anness V tar-Regolament dwar l-RRF.

<sup>16</sup> Ir-Rapport Speċjali 09/2022, il-paragrafu 37.

**20** Il-metodoloġija applikata għat-trekkjar klimatiku hija komuni għall-fondi kollha tal-UE, inkluża l-RRF, matul il-perjodu 2021-2027, u hija simili għal dik li ġiet applikata fil-perjodu 2014-2020 (il-paragrafu **07**). Il-Kummissjoni rrikonossiet li taħt l-RRF, l-użu ta' koeffiċjent klimatiku uniku (ta' 40 % jew 100 %) għal miżura jista' jwassal, f'xi każijiet, għal stima insuffiċjenti jew eċċessiva tal-kontribuzzjoni għall-klima mistennija tagħha<sup>17</sup>. Biex tistma aħjar il-kontribuzzjoni għall-klima, il-Kummissjoni introduċiet il-kunċett ta' submiżuri, sabiex, fejn ikun hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli, ikunu jistgħu jintużaw diversi oqsma ta' intervent u koeffiċjenti biex il-kontribuzzjoni għall-klima tiġi identifikata b'mod aktar preċiż, u jiġu esklużi l-kostijiet li ma jikkontribwux jew li għandhom kontribuzzjoni insinifikanti<sup>18</sup>. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ddiskutew u qablu dwar is-submiżuri proposti fuq bażi ta' każ b'każ.

**21** Osservajna li kważi nofs il-kontribuzzjoni mistennija għall-klima mill-RRF (44 %) ġejja minn miżuri li ma nqasnu fl-ebda submiżura. Il-kampjun tagħna kkonferma sehem simili ta' 10 minn 24 miżura li ma kinux inqasnu (41 %). Dawn l-10 miżuri ġew assenjati koeffiċjent klimatiku ta' 100 % u sibna stimi eċċessivi potenzjali f'mill-inqas 7 minnhom, billi mhux l-elementi kollha kienu rilevanti għall-klima. Dan wassalna biex nikkonkludu li dan l-eżerċizzju mhux dejjem irriżulta fl-irfinar tal-kontribuzzjoni għall-klima tal-miżura li huma relatati magħha, u li ntuża livell għoli ta' approssimazzjoni biex jiġu stmati l-kontribuzzjonijiet tal-klima minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari għal dawg kumplessi b'elementi li għandhom kontribuzzjonijiet għall-klima differenti.

**22** Filwaqt li l-għan tas-submiżuri kien li l-koeffiċjenti klimatiċi jiġu assenjati aħjar, il-gwida tal-Kummissjoni ma kinitx tinkludi struzzjonijiet biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni tas-submiżuri fl-RRPs differenti. Fil-prattika, dan irriżulta fl-attribuzzjoni ta' koeffiċjenti b'livelli differenti ta' dettall. Pereżempju, fil-kampjun tagħna sibna li l-Kroazja biss kienet qasmet il-miżura biex tiffinanzja r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini biex tagħti rendikont tal-parti strutturali tal-investment mingħajr koeffiċjent klimatiku. It-tliet Stati Membri l-oħra ma kienu pproponew l-ebda qasma għal miżuri simili.


**23** Ir-Regolament dwar l-RRF jassenja koeffiċjent klimatiku ta' 40 % għall-kostruzzjoni ta' kwalunkwe bini ġdid effiċjenti ħafna. Inqisu li, billi mhemm l-ebda ffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn bini ġdid, il-koeffiċjenti tal-klima ta' 40 % ma jistax jiġi ġġustifikat u għandu minflok ikun 0%. Barra minn hekk ir-rapport speċjali dwar l-infiq

<sup>17</sup> SWD(2021) 12 part 1/2, Guidance to member states' RRs, p. 29.

<sup>18</sup> *Ibid.*

fuq il-klima, li ħriġna qabel, sab li xi wħud mill-koeffiċjenti klimatiċi assenjati fil-qafas legali għall-infrastrutturi ferrovjarji u għall-grilji elettriċi jaf iwasslu għal stimi eċċessivi f'termini tal-kontribuzzjoni għall-klima mistennija. Inqisu li dawn is-sejbiet jibqgħu validi għall-RRF. Il-**Figura 8** tippreżenta r-rivalutazzjoni li wettaqna tal-koeffiċjenti għal dawn it-tliet oqsma ta' intervent imsemmija u l-istima x'aktarx eċċessiva li tirriżulta għall-RRF, li tammonta għal EUR 34.5 biljun. Ibbażajna l-valutazzjoni tagħna fuq l-assenjar ta' koeffiċjent ta' 40 % għal kontribuzzjoni mhux marġinali u pożittiva u 0 % għal kontribuzzjoni newtrali jew insinifikanti<sup>19</sup> (il-**Figura 4**).

**Figura 8 – Rivalutazzjoni mill-QEA tal-koeffiċjenti**



*Nota:* Din ir-rivalutazzjoni tkopri l-oqsma ta' intervent 064, 065, 066bis, 033 u 025ter.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-**Rapport Speċjali dwar l-infiq fuq il-klima** u d-**Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija**.


**24** Mill-14-il indikatur komuni ddefiniti għall-RRF, 4 għandhom l-għan li jkejlu l-progress li jkun sar lejn it-tranżizzjoni ekoloġika (il-**Figura 9**). Ix-xogħol preċedenti tagħna sab li l-indikaturi komuni huma limitati biex jivvalutaw il-prestazzjoni kumplessiva u jipprovdu biss kopertura limitata tal-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika<sup>20</sup>. Pereżempju, ma hemm l-ebda indikatur komuni għal miżuri ambjentali jew għal miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li huma rilevanti

<sup>19</sup> SWD(2022) 225, Climate mainstreaming architecture in the 2021-2027 period

<sup>20</sup> Rapport Speċjali 26/2023., il-paragrafi 42, 43 u 94.

għall-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-RRF. In-nuqqas ta' indikaturi bħal dawn ma jippermettix li jitkejjel il-progress li jkun sar lejn dawn l-objettivi.

### Figure 9 – Erba' indikaturi komuni taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika



Sors: ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2106.

### Kontribuzzjoni mhux ċara tal-miżuri ppjanati tal-RRF għall-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ekoloġika

#### Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**25** F'konformità mar-Regolament dwar l-RRF<sup>21</sup>, jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu fl-RRPs tagħhom miżuri li huma rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi. Jenħtieġ li l-koeffiċjenti klimatiċi jirriflettu l-objettivi tal-miżuri u l-impatt mistenni tagħhom fuq l-azzjoni klimatika. L-istadji importanti u l-miri marbuta ma' dawn il-miżuri jenħtieġ li jivvalutaw il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF, inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika.

**26** Ivvalutajna kemm l-Istati Membri għażlu miżuri rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika jew għall-azzjoni klimatika meta fasslu l-pjanijiet tagħhom. #Ħarisna wkoll lejn jekk l-Istati Membri stabbilewx stadji importanti u miri li jistgħu jivvalutaw il-prestazzjoni. Billi l-pjanijiet nazzjonali jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, analizzajna wkoll il-gwida pprovduta.

<sup>21</sup> Il-Premessi 26 u 39, l-Artikoli 2, 4 u 18 tar-Regolament dwar l-RRF.

**27** B'mod ġenerali, osservajna li l-fatt li kien hemm mira kwantitattiva għall-azzjoni klimatika wassal lill-Istati Membri biex jinkludu miżuri fl-RRPs tagħhom li għandhom rabta mal-klima. F'kull wieħed mill-RRPs tal-Istati Membri magħżula, identifikajna miżuri li ffukaw, fil-livell tat-tfassil, fuq id-dekarbonizzazzjoni, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika (il-**Kaxxa 2**, il-**Kaxxa 3** u l-**Kaxxa 4** jipprovdu xi eżempji).

## Kaxxa 2



### Rinnovazzjoni tal-bini fil-Kroazja u fil-Greċja

Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini għandha rwol importanti biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE, billi l-bini huwa responsabbli minn madwar 40 % tal-enerġija primarja u 36 % tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub><sup>22</sup>.

Il-**Kroazja** inkludiet miżura b'EUR 147 miljun ta' kostijiet stmati li tirrikjedi tnaqqis ta' 50 % fil-ħtiġijiet annwali tal-enerġija għat-tiġin, għal tnaqqis ta' 30 % tal-enerġija primarja. L-għan ta' din il-miżura huwa li jiġi rinnovat bini b'abitazzjonijiet multipli, b'potenzjal akbar għall-iffrankar tal-enerġija.

Il-**Greċja** pproponiet miżura b'EUR 1.25 biljun ta' kostijiet stmati biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika għal 105 000 residenza u l-installazzjoni ta' 150 MW ta' kapaċità minn sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli.

## Kaxxa 3



### Dekarbonizzazzjoni industrijali fis-Slovakkja

Il-produzzjoni industrijali u l-użu mill-industrija tal-fjuwils fossili jirrappreżentaw 41 % tal-emissjonijiet kollha fis-**Slovakkja**, l-ogħla sehem fost l-Istati Membri tal-UE<sup>23</sup>. Miżura b'kostijiet stmati ta' EUR 362.7 miljun għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi tiffinanzja proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, għall-iffrankar tal-enerġija u għall-użu ta' teknoloġiji ambjentali innovattivi f'industriji intensivi fil-karbonju.

<sup>22</sup> L-RRP inizjali tal-Kroazja, p. 1124 u l-RRP inizjali tal-Greċja, p. 117.

<sup>23</sup> L-RRP inizjali tas-Slovakkja, p. 7.

## Kaxxa 4



### Idroġenu rinnovabbli u gassijiet oħra fil-Portugall

Il-**Portugall** għandu l-għan li jippromwovi l-enerġija rinnovabbli mill-idroġenu u minn gassijiet rinnovabbli oħra, sabiex itejjeb it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, irawwem ir-riċerka u l-iżvilupp, u jnaqqas id-dipendenza enerġetika nazzjonali. Il-miżura tal-RRF, li tammonta għal EUR 255 miljun, tiffinanzja 277 MW ta' kapaċità addizzjonali għall-produzzjoni tal-idroġenu minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

**28** L-għażla tal-miżuri tal-RRF kellha titlesta f'perjodu qasir: wara l-adozzjoni tar-**Regolament dwar l-RRF** fi Frar 2021, l-Istati Membri kellhom bżonn jistabbilixxu l-RRPs tagħhom, u l-istadji importanti u l-miri li kellhom jintlaħqu sad-“data ta' skadenza” tal-RRF tat-30 ta' Ġunju 2026<sup>24</sup>. Il-gwida tal-Kummissjoni<sup>25</sup> ħeġġet lill-Istati Membri biex jidentifikaw proġetti maturi, u jieħdu inkunsiderazzjoni l-iskeda ta' żmien prevista għall-implimentazzjoni tagħhom. It-twaqqit kien partikolarment rilevanti wkoll għall-kapitoli tar-REPowerEU (il-paragrafu **01**). Fl-**Opinjoni 04/2022 tagħna dwar ir-REPowerEU**, osservajna li l-perjodu ta' żmien limitat tal-RRF flimkien maż-żmien meħtieġ biex jiġu ppreżentati u approvati l-emendi għall-RRPs setgħu ma kinux adatti għal xi wħud mill-objettivi tar-REPowerEU<sup>26</sup>.

**29** L-analiżi li wettaqna tal-erba' RRs ikkampjunati turi li dawn l-Istati Membri ġeneralment segwew il-gwida tal-Kummissjoni u għażlu proġetti maturi, u inkludew fl-RRPs tagħhom miżuri li kienu jew tipikament ifffinanzjati minn strumenti oħra tal-UE jew li kienu qed jistennew biex il-fondi jiġu implimentati. Sibna wkoll erba' eżempji fil-kampjun tagħna ta' miżuri għall-manutenzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew ta' ferroviji, li ġeneralment jistgħu jitqiesu bħala parti min-nefqa rikorrenti tal-gvern<sup>27</sup>. Dan huwa permess biss taħt l-RRF f'każijiet debitament ġustifikati<sup>28</sup>.

<sup>24</sup> L-Artikolu 18(4)(i) tar-**Regolament dwar l-RRF**.

<sup>25</sup> **SWD(2021) 12 part 1/2**, Guidance to member states' RRs, p. 44.


<sup>26</sup> Il-paragrafu 7 tal-**Opinjoni 04/2022 REPowerEU**.

<sup>27</sup> World Bank working paper, **Recurrent expenditure requirements of capital projects**.

<sup>28</sup> **SWD(2021) 12 part 1/2**, Guidance to member states RRs, pp. 16-17.

**30** Ivvalutajna wkoll kif il-miżuri ġew ittaggjati biex tiġi stmata l-kontribuzzjoni tagħhom għall-klima. Fl-RRPs magħżula, sibna li 36 (sub)miżura (minn 55) kellhom koeffiċjenti klimatiċi xierqa. Għad-19-il każ li jifdal, inqisu li l-koeffiċjent ma kienx kompletament ġustifikat. Dan minħabba li dawn is-(sub)miżuri ma kinux adattati għall-oqsma ta' intervent magħżula, li ma kinux jirriflettu b' mod preċiż in-natura jew l-oġettivi tagħhom. Il-valutazzjoni li wettaqna hija bbażata fuq id-deskrizzjoni tal-miżura u fuq l-istadji importanti u l-miri tagħha, kif inklużi fl-RRPs. Inqisu li l-Kummissjoni kien imissha identifikat dawn l-inkonsistenzi meta vvalutat il-pjanijiet. Fi 12 mid-19-il każ, assenjajna mill-ġdid is-(sub)miżuri għal oqsma ta' intervent li jirriflettu aħjar in-natura tal-investiment u l-koeffiċjent relatat. Dan irriżulta fi stimi eċċessivi probabbli ta' mill-inqas EUR 430 miljun. Il-**Figura 10** tippreżenta eżempji fejn inqisu li l-qasam ta' intervent – u l-koeffiċjent klimatiku assoċjat – magħżul mill-Istati Membri u approvat mill-Kummissjoni mhux korrett.

**Figura 10 – Eżempji ta' trekkjar klimatiku li ma jirriflettix in-natura tas-(sub)miżura**



Sors: il-QEA, abbażi tal-RRP inizjali u l-Anness VI tar-Regolament dwar l-RRF.

**31** Il-gwida pprovduta mill-Kummissjoni għall-għażla ta' miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-assoċjazzjoni tagħhom mal-koeffiċjenti klimatiċi u mal-oqsma ta' intervent<sup>29</sup> ma kellhiex eżempji speċifiċi ta' miżuri li jkunu adattati għal

<sup>29</sup> SWD(2021) 12 part 1/2, Guidance to member states RRFs.

kull wieħed mill-oqsma. Il-gwida ma kinitx tinkludi kriterji jew rakkomandazzjonijiet dwar meta miżura kellha tinqasam f' submiżuri (il-paragrafu [20](#)).

**32** Miżura li tkopri attività speċifika tista' tiġi assenjata għal oqsma ta' intervent differenti, li jgħoddu jew bħala 100 % jew inkella bħala 40 %, skont jekk humiex assoċjati mal-kundizzjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu ssodisfati<sup>30</sup>. Pereżempju, il-miżuri għall-effiċjenza enerġetika normalment ikollhom koeffiċjent klimatiku ta' 40 %. Sabiex jgħoddu bħala 100 % rilevanti għall-klima, ir-[Regolament dwar I-RRF](#) jirrikjedi li tali miżuri jilħqu bħala medja mill-inqas tnaqqis ta' profondità medja fid-domanda għall-enerġija primarja. Ir-rinnovazzjonijiet ta' profondità medja jikkorrispondu għal iffrankar tal-enerġija primarja ta' bejn 30 % u 60 %<sup>31</sup>. Fil-gwida tagħha, il-Kummissjoni speċifikat li kien biżżejjed li tintlaħaq medja ta' 30 % tal-iffirankar tal-enerġija primarja (li hija l-firxa aktar baxxa permessa) biex miżura tgħodd bħala li qed tikkontribwixxi 100 % għall-azzjoni klimatika<sup>32</sup>. Dan ifisser li rinnovazzjonijiet sempliċi (li jikkorespondu għal iffrankar ta' inqas minn 30 %) jistgħu jingħaddu bħala li jikkontribwixxu 100% lejn il-klima, sakemm proġetti oħra fi ħdan l-istess miżura jilħqu ffrankar ogħla.

**33** Il-lista ta' oqsma ta' intervent rilevanti għall-azzjoni klimatika, kif stabbilita fir-[Regolament dwar I-RRF](#), tkopri madwar 97 % tal-miżuri kollha tal-RRF b'kontribuzzjoni għall-klima. Għall-każijiet li jifdal, l-Istati Membri jistgħu jużaw oqsma ta' intervent *ad hoc*. Sibna li dawn l-oqsma *ad hoc* intużaw esklużivament għal vetturi elettriċi jew ibridi plug-in. Il-vetturi elettriċi ġew ittaggjati bħala 100 % u l-vetturi ibridi plug-in ġew ittaggjati bħala 40 %. Mhuwiex ċar jekk il-koleġiżlaturi kellhomx l-intenzjoni li jeskludu tali investimenti mill-kontribuzzjoni għall-klima. Skont il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' tali oqsma ta' intervent kien bi żvista.

**34** Hemm kwistjoni problematika relatata mal-kostijiet amministrattivi. Is-Slovakkja introduċiet submiżuri għall-kostijiet amministrattivi biex tkopri s-salarji tal-impjegati eżistenti u tal-kuntratturi imqabbda biex jimmaniġġjaw l-RRF. Il-kostijiet amministrattivi tal-UE ma jgħoddux bħala nfiq fuq il-klima<sup>33</sup>. Barra minn hekk, għall-RRF, il-kostijiet għall-persunal diġà impjegat ġeneralment jitqiesu bħala nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti u jenħtieġ li ma jiġux sostitwiti mill-finanzjament tal-RRF

<sup>30</sup> [SWD\(2021\) 12 part 1/2](#), Guidance to member states RRs, p. 28; l-Anness V tar-[Regolament dwar I-RRF](#).

<sup>31</sup> Ir-[Rakkomandazzjoni tal-Bini](#) dwar ir-[Rinnovazzjoni tal-Bini](#).

<sup>32</sup> [SWD\(2021\) 12 part 1/2](#), Guidance to member states RRs, p. 30.

<sup>33</sup> Il-Kummissjoni, il-[paġna web](#) dwar l-[integrazzjoni tal-klima](#).

(ħlief f'każijiet debitament ġustifikati)<sup>34</sup>. Madankollu, l-awtoritajiet Slovakkji assenjaw koeffiċjent klimatiku pożittiv għas-submiżuri għall-kostijiet amministrattivi, li fil-valutazzjoni li wettaqna mhuwiex ġustifikat.

**35** Wara l-analiżi li wettaqna tal-istadji importanti u l-miri assenjati lill-miżuri kkampjunati fl-erba' Stati Membri li għażilna, sibna eżempji ta' stadji importanti u miri li ma jiżgurawx it-trekkjar tal-progress lejn l-ikkompletar għat-tranżizzjoni ekoloġika jew li ma jkoprox is-submiżuri kollha rilevanti għall-klima (it-**Tabella 1**). Dan ifisser li l-istadji importanti u l-miri se jiskattaw pagamenti mingħajr ma jipprovdu informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-(sub)miżura għat-tranżizzjoni ekoloġika u r-riżultati tagħha. Inqisu li l-Kummissjoni setgħet talbet għal miri mtejba. L-istadji importanti u l-miri jintużaw biex jitkejjel il-progress tal-implimentazzjoni. Fix-xogħol preċedenti tagħna<sup>35</sup>, osservajna li kienu ffukati fuq l-outputs aktar milli r-riżultati. Minkejja dan, sibna eżempju tajjeb fis-Slovakkja, fejn il-mira għal miżura għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija ġiet stabbilita f'termini ta' tnaqqis reali tas-CO<sub>2</sub>.

**Tabella 1 – Eżempji ta' problemi li identifikkawna bil-miri tat-tranżizzjoni ekoloġika**

Problema li identifikkawna	Eżempji mill-Istati Membri
 <p>Nuqqas ta' miri rilevanti għall-klima biex jitrekki l-progress lejn l-ikkompletar</p>	<p>Fis-<b>Slovakkja</b>, l-unika mira għal submiżura dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima hija dwar l-għażla tal-proġetti. Il-Kummissjoni se tiżborża l-fondi mingħajr ma tkun taf jekk il-proġetti jikkontribwux għall-oġġettiv tal-miżura jew jekk ikunux tlestew.</p>
 <p>L-istadji importanti u l-miri ma jkoprox is-submiżuri kollha rilevanti għall-klima</p>	<p>Fil-<b>Greċja</b>, miżura mmirata lejn il-parks industrijali nqasmet biex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-investimenti fl-enerġija solari, fil-ġestjoni tal-ilma, fil-ġbir tal-ilma mormi, eċċ. L-istadju importanti finali dwar it-tlestija tal-kostruzzjoni tal-proġetti magħżula kollha ma jsemmi l-ebda submiżura minn dawn.</p>

<sup>34</sup> SWD(2021) 12 part 1/2, Guidance to member states RRs, p. 16.

<sup>35</sup> Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafu 81, u r-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafu 95.

## Indikazzjoni dgħajfa ta' kif l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika

### Inkonsistenzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”

#### Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**36** Il-miżuri kollha tal-RRF, inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika, jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) għas-sitt objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-[Regolament dwar it-Tassonomija](#)<sup>36</sup>.

**37** Eżaminajna kif il-prinċipju ta’ “la tagħmilx ħsara sinifikanti” ġie applikat fil-kampjun tagħna ta’ miżuri, u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-azzjoni klimatika.

**38** Il-prinċipju DNSH għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha ffinanzjati mill-RRF ikunu sostenibbli minn perspettiva ambjentali. Ir-[Regolament dwar l-RRF](#) jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni dettaljata tal-RRPs biex tiżgura l-konformità mal-prinċipju DNSH <sup>37</sup> (il-[Figura 11](#)). Għall-ewwel darba, dan il-prinċipju kien kundizzjoni biex wieħed jirċievi finanzjament. Kull miżura kellha tiġi indirizzata bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH. Meta debitament ġustifikat, il-valutazzjoni setgħet tiegħu forma simplifikata għal objettiv ambjentali wieħed jew aktar.

**39** Il-gwida tal-Kummissjoni tat lok għall-approċċ simplifikat “meta miżura tiġi ttrekkjata bħala li tappoġġja 100 % xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali”, billi “titqies konformi mad-DNSH għal dak l-objettiv”<sup>38</sup>. Barra minn hekk, il-gwida teknika ippermettiet approċċ simplifikat għal objettiv speċifiku meta miżura m’għandha l-ebda impatt jew impatt prevedibbli insinifikanti fuqu. Madankollu, il [gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “ma tagħmilx ħsara sinifikanti”](#) qieset li l-approċċ simplifikat “x’aktarx” ma jkunx applikabbli għal miżuri f’oqsma bħall-enerġija, it-trasport, il-ġestjoni tal-iskart, l-industrija, minħabba riskji oġġli li jaffettwaw wieħed jew aktar mill-objettivi.

<sup>36</sup> L-Artikolu 5(2) tar-[Regolament dwar l-RRF](#).

<sup>37</sup> L-Artikolu 18(4)(d) tar-[Regolament dwar l-RRF](#).

<sup>38</sup> Il-[Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “ma tagħmilx ħsara sinifikanti” taħt l-RRF](#), ir-[Regolament](#).

**Figure 11 – Is-sitt objettivi ambjentali koperti mill-prinċipju DNSH fl-RRF**



Sors: il-QEA, abbażi tar-Regolament dwar it-Tassonomija.

**40** Il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri huma kompletament responsabbli biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-prinċipju DNSH<sup>39</sup> Madankollu, hija trid tivverifika l-konformità mal-prinċipju DNSH meta tivvaluta l-RRPs. Fl-istadju tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tivverifika l-konformità mas-salvagwardji tal-prinċipju DNSH kif deskritt fid-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-RRP, dment li dawn is-salvagwardji jkunu parti mill-istadji importanti u mill-miri. Valutazzjoni xierqa tad-DNSH hija essenzjali minħabba li miżura ssir ineliġibbli jekk tikser il-prinċipju DNSH<sup>40</sup>. Preċedentement sibna li l-Kummissjoni ġeneralment ivvalutat b'mod xieraq il-miżuri tal-RRF u l-konformità tagħhom mad-DNSH, filwaqt li talbet esklużjonijiet jew modifiki fejn meħtieġ<sup>41</sup>, mingħajr ma kkwantifikat in-natura u l-iskala tal-impatt ta' miżuri potenzjalment dannużi.

**41** L-analiżi li wettaqna tal-valutazzjoni tad-DNSH li saret għall-24 miżura kkampjunata wriet li l-gwida għad-DNSH irriżultat f'applikazzjonijiet differenti tal-prinċipju mill-4 Stati Membri magħżula. Pereżempju, il-Kroazja wettqet valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tas-sitt miżuri kollha li kkampjunajna, filwaqt li l-Greċja dejjem għażlet l-approċċ simplifikat, anki għal miżuri b'riskji ogħla li jaffettwaw wieħed jew aktar mill-objettivi tad-DNSH (il-paragrafu **40**), li l-Kummissjoni aċċettat. Ix-xogħol tagħna kkonferma li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu li d-dispożizzjonijiet tad-DNSH huma diffikultużi biex jiġu implimentati, prinċipalment minħabba l-kumplessità u n-novità tagħhom.

<sup>39</sup> Il-Gwida dwar il-konformità mad-DNSH matul l-implimentazzjoni tal-RRP.


<sup>40</sup> Ibid.

<sup>41</sup> Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafi 58 u 60.

**42** Taħt ċerti kundizzjonijiet<sup>42</sup>, ir-Regolament dwar l-RRF emendat jeżenta xi wħud mill-miżuri tar-REPowerEU milli jikkonformaw mal-prinċipju DNSH, bħal dawk meħtieġa biex tissodisfa l-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà tal-enerġija. Kif rikonoxxut fl-Opinjoni dwar ir-RepowerEU tagħna, tali eżenzjoni toħloq riskji għall-effettività tal-RRF lejn it-tranżizzjoni ekoloġika, billi hemm kompromess bejn l-oġettiv ta' provvista tal-enerġija sigura minn naħa, u t-tħassib ambjentali u klimatiku min-naħa l-oħra.

**43** Minbarra l-prinċipju DNSH, il-bini maġġuri jew il-proġetti ta' żvilupp fl-UE huma suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali (VIA), skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-Figura 12 turi approċċi differenti lejn dawn ir-rekwiżiti ambjentali. Ix-xogħol preċedenti tagħna dwar il-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tal-RRPs kien jinkludi osservazzjoni simili<sup>43</sup>.

**Figure 12 – Valutazzjoni tar-rekwiżiti ambjentali fil-Portugall**



Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet Portugiżi.

<sup>42</sup> L-Artikolu 21c(6) tar-Regolament dwar l-RRF, kif emendat mir-Regolament (UE) 2023/435 dwar il-kapitolu tar-REPowerEU.

<sup>43</sup> Ir-Rapport Speċjali 21/2022, il-paragrafi 60 u 61.

## Mhux il-miżuri kollha rilevanti għall-klima huma ekoloġiċi daqs kemm ippjanat

### Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**44** Il-miżuri ttaggjati bħala rilevanti għall-klima jenħtieġ li jikkontribwixxu b' mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika u juru kontribut pożittiv għall-azzjoni klimatika, inkluż fir-rigward tal-ksib tal-miri klimatiċi tal-UE<sup>44</sup>.

**45** Eżaminajna l-istatus attwali tal-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-klima, fiż-żmien meta sar l-awditu. Ivalutajna d-diskrepanzi potenzjali meta mqabbla mat-tfassil inizjali tal-miżura fl-RRPs.

**46** L-analiżi li wettaqna tal-miżuri magħżula ttaggjati bħala li jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika qajmet kwistjonijiet dwar jekk il-miżuri humiex ekoloġiċi daqs kemm ippjanat. Il-**Kaxxa 5** turi eżempji ta' diskrepanzi li jirriżultaw minn miżuri mhux daqstant ekoloġiċi kif deskritt, li identifikkajna fl-Istati Membri kollha fil-kampjun tagħna meta vvalutajna l-implimentazzjoni tagħhom.

<sup>44</sup> L-Artikoli 4 u 19(3)(e), l-Anness V 2.5 tar-Regolament dwar l-RRF.

## Kaxxa 5



### Eżempji ta' miżuri rilevanti għall-klima li mhumiex daqstant ekoloġiċi kif deskritt



#### Impatti ambjentali mhux ivvalutati

Fil-**Greċja**, miżura hija maħsuba biex jinbena impjant idro ġdid b'akkumulu ppompjat. Dan it-tip ta' ħżin tal-enerġija għandu l-ogħla medda ta' potenza u tul tal-ħajja, meta mqabbel mal-batteriji u s-sistemi tal-ħżin tal-idroġenu, iżda huwa inqas ambjentalment sostenibbli, billi jikkontribwixxi għat-telf tal-bijodiversità fil-ħajja akkwatika<sup>45</sup>. Sibna li l-ħsara potenzjali għall-bijodiversità ma ġietx ivvalutata għall-miżura (il-paragrafu 41) u ma ġewx identifikati passi ta' mitigazzjoni.



#### Kontribuzzjoni skorretta għall-klima

Fil-**Kroazja**, miżura dwar ir-riċerka u żvilupp kienet ittaggjata bħala “trasport urban nadif” (koeffiċjent ta' 100 %) Dan huwa proġett b'fokus fuq il-kompetittività u d-diġitalizzazzjoni. Inqisu li qasam ta' intervent aktar xieraq kien ikun id-“diġitalizzazzjoni tat-trasport meta tkun iddedikata parzjalment għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG: toroq”, b'koeffiċjent ta' 40 %. Sibna li l-proġett jaf ikollu effett konsegwenzjali pożittiv fuq il-klima minħabba li se juża vetturi elettriċi, iżda dan mhux biżżejjed biex jiġġustifika l-koeffiċjent klimatiku ta' 100 %.

Fil-**Portugall**, miżura ta' adattament għat-tibdil fil-klima tal-foresti (koeffiċjent ta' 100 %) iffinanzjat proġetti arkitetturali u xogħolijiet ta' rinnovazzjoni għaċ-ċentri tal-protezzjoni ċivili f'żoni rurali. Inqisu li din in-nefqa hija direttament rilevanti biss għall-adattament għat-tibdil fil-klima, u għalhekk koeffiċjent ta' 100 % ma jistax jiġi ġustifikat.

**47** Qabbilna wkoll l-ammonti allokat għall-miżuri magħżula mar-riżultati mistennija tagħhom. Sibna żewġ każijiet fejn, abbażi tal-istatus ta' implimentazzjoni fiż-żmien taż-żjarat tal-awditjar fit-tieni nofs tal-2023, il-mira setgħet intlaħqet kieku ntefget frazzjoni tal-kostijiet stmati, billi l-miri ġew stabbiliti f'livell baxx ħafna – il-**Kaxxa 6**.

<sup>45</sup> L-EPRS, [What if increased energy storage could help fix climate change?](#), 2023.

## Kaxxa 6



### Eżempji ta' miżuri li għalihom il-baġit għie stabbilit f'livell għoli wisq biex tintlaħaq il-mira

Fis-**Slovakkja**, skont l-RRP rivedut, miżura hija maħsuba biex timmodernizza 83 MW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. FI-2022 u l-2023, l-awtoritajiet nedew tliet sejħiet għal proposti, għall-modernizzazzjoni tal-impjanti idroelettriċi, jew tal-installazzjonijiet tal-bijogass jew tal-bijometan. Matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna, sibna li tmien applikazzjonijiet approvati taħt is-sejħa għal impjanti idroelettriċi waħedhom setgħu jiksbu 78 MW ta' kapaċità mtejbja, li tikkorrispondu għal 94 % tal-mira. Għalhekk, qed inqajmu dubju dwar l-ambizzjoni tal-mira. L-ammonti approvati mis-Slovakkja għal dawn il-proġettijikkorrispondu għal 30 % tal-kostijiet stmati tal-miżura. Għalhekk, is-70 % li jifdal tal-appoġġ seta' jimmira biss li jilħaq biss 6 % tal-mira, li juri li l-miżura setgħet inkisbet bi frazzjoni tal-kost billi l-mira għiet stabbilita f'livell baxx ħafna.

Fil-**Portugall**, miżura biex jiġi rinnovat bini privat billi tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tagħhom kellha mira inizjali ta' 1 000 000 m<sup>2</sup> ta' żona rinnovata. Sibna li l-proġetti ffinanzjati qabżu din il-mira b'10 darbiet (10 miljun m<sup>2</sup>) b'41 % tal-kostijiet stmati (EUR 123 miljun minn EUR 300 miljun). Il-Kapitolu REPowerEU tal-Portugall issupplimenta din il-miżura b'EUR 120 miljun oħra, u aġġorna l-mira għal 7.6 miljun m<sup>2</sup> ta' żona rinnovata. Fid-dawl tal-proġetti li diġà laħqu l-mira, inqisu li l-mira stabbilita għal din il-miżura kienet baxxa wisq għall-ammonti allokat.

## Ir-rappurtar tal-RRF dwar l-infiq fuq il-klima u dwar it-tranżizzjoni ekoloġika huwa maqtugħ mill-kostijiet u r-riżultati reali

### Punti mhux viżibbli fil-wiri tal-prestazzjoni tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika tal-RRF

Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**48** Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja u tivvaluta l-prestazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-RRF<sup>46</sup>

<sup>46</sup> Il-Premessa 63 u l-Artikolu 29 tar-Regolament dwar l-RRF.

**49** Eżaminajna kif il-qafas tal-RRF jimmonitorja l-prestazzjoni tal-miżuri f'termini tat-tranżizzjoni ekoloġika. Ivvatutajna l-punt sa fejn l-indikaturi komuni jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar il-miżuri kkampjunati tagħna, u l-kontribuzzjoni potenzjali tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika lejn il-miri klimatiċi tal-UE.

**50** Fi ħdan il-qafas legali tal-RRF, ma hemm l-ebda rekwiżit biex jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika tal-RRF fuq il-miri klimatiċi tal-UE. Madankollu, fil-linji gwida tagħna, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jistmaw, fl-RRPs tagħhom, l-impatt tar-riformi u l-investimenti fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jew l-effiċjenza enerġetika. Hija ħeġġet ukoll lill-Istati Membri biex jistmaw kemm l-RRPs ikunu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2030<sup>47</sup>. Sibna li l-ebda Stat Membru milli għażilna ma kien għamel dan. La kienu vvalutaw il-kontribuzzjoni għall-oġġettivi tal-klima u tal-enerġija fil-livell ta' miżuri individwali, u lanqas fil-livell tal-RRP.

**51** Madankollu, il-qafas legali tal-RRF jinkludi erba' indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tiegħu lejn it-tranżizzjoni ekoloġika (il-paragrafu 24). Fix-xogħol tal-awditjar tagħna, ħarisna lejn l-indikaturi komuni għall-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika u sibna li dawn ma pprovdewx biżżejjed informazzjoni dwar il-prestazzjoni. Fil-kampjun tagħna ta' 24 miżura, 14 kienu problematiċi:

- ir-riżultati rrapportati għal miżura waħda mhumiex relatati esklużivament mal-miżuri tal-RRF (il-*Kaxxa 7* – eżempju mill-Portugall);
- sitta ma huma koperti minn l-ebda indikatur komuni għat-tranżizzjoni ekoloġika, li sibna li jipprovdi biss kopertura limitata tat-tranżizzjoni ekoloġika (ara l-paragrafu 24);
- sebgħa huma koperti minn indikaturi komuni li ma jipprovdux informazzjoni rilevanti dwar il-progress li sar lejn l-ilfuq tal-oġġettivi tal-miżura (il-*Kaxxa 7* – eżempji mill-Kroazja u mis-Slovakkja).

---

<sup>47</sup> SWD(2021) 12 part 1/2, Guidance to member states' RRs, p. 4.

## Kaxxa 7



### Eżempji ta' miżuri li l-indikaturi tagħhom mhumiex biżżejjed biex tintwera l-prestazzjoni tagħhom dwar il-klima

Fil-**Portugall**, miżura li tinkludi sensibilizzazzjoni u azzjonijiet preventivi dwar in-nirien forestali mhux ikkontrollati hija marbuta mal-indikatur komuni dwar il-popolazzjoni li tibbenefika minn tali miżura (l-indikatur komuni 4 – il-**Figura 9**). Ir-riżultat mistenni huwa li 30 % tal-popolazzjoni Portugiża kollha tibbenefika mill-miżura ta' adattament għan-nirien forestali mhux ikkontrollati. Inqisu li dan l-indikatur ma jipprovdi informazzjoni preċiża dwar l-impatt ta' din il-miżura fuq il-klima billi jaqbeż il-firxa tal-miżura.

Fil-**Kroazja**, miżura għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, li prinċipalment tikkonċerna s-sostituzzjoni ta' linji ta' trażmissjoni qodma, hija marbuta ma' indikatur wieħed għal kapaċità installata addizzjonali minn sorsi rinnovabbli (l-indikatur komuni 2 – il-**Figura 9**). Filwaqt li l-miżura tippermetti kapaċità addizzjonali, mhijiex se tiksibha *per se*. Għalhekk, l-indikatur mhuwiex rilevanti għal din il-miżura, u b'hekk il-prestazzjoni tiegħu dwar il-klima ma tiġix trekkjata.

Fis-**Slovakkja**, miżura għall-kostruzzjoni u r-rikostruzzjoni tal-isptarijiet hija koperta mill-indikatur dwar l-iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja (l-indikatur komuni 1 – il-**Figura 9**). Madankollu, inqisu li ma hemm l-ebda ffrankar tal-enerġija li jista' jirriżulta minn bini ġdid (il-**Figura 8**). L-uniku indikatur ieħor għal din il-miżura ġej mill-mira tagħha, li hija relatata mal-għadd ta' sodod. Dan mhuwiex biżżejjed biex jiġu vvalutati l-prestazzjoni u l-impatt tal-miżura fuq il-klima.

**52** L-indikaturi komuni għat-tranżizzjoni ekoloġika mhumiex imfassla biex eventwalment jittrekkjaw l-impatti għall-prestazzjoni tal-miżuri individwali f'termini ta' azzjoni klimatika u ambjentali (il-paragrafu **24**). Sakemm ma jkunx inkluż fil-pjanijiet bħala mira speċifika, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma jinqabadx, billi l-indikaturi komuni ma jkopruhx (il-paragrafu **35**). Bl-istess mod, l-indikatur komuni dwar il-kapaċità addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli mhux se jipprovdi informazzjoni dwar is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili b'sorsi rinnovabbli għall-produzzjoni tal-enerġija. Madankollu, mhuwiex biss importanti li jitnaqqas is-sehem relattiv tal-enerġija prodotta mill-fjuwils fossili fit-taħlita tal-enerġija, iżda wkoll li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija mill-fjuwils fossili f'termini assoluti<sup>48</sup>. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-indikaturi komuni, nikkonkludu li dawn ma jistgħux

<sup>48</sup> SEI, Climate Analytics, E3G, IISD, u UNEP, [The Production Gap: Phasing down or phasing up?](#), 2023.

jintużaw biex jiġi vvalutat kemm il-miżuri relatati mal-klima tal-RRF qed jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika.

**53** F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat rapport, li jipprova jistma t-tnaqqis potenzjali tal-gassijiet serra li jirriżulta minn subsett tal-miżuri tal-RRF<sup>49</sup>. Ir-rapport jikkonkludi li l-istadji importanti u l-miri ssodisfati sa Awwissu 2023 (153 minn 1 729) laħqu 0.5 % ta' dan it-tnaqqis stmat ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Fir-rapport, il-Kummissjoni tispjega li dan is-sehem kien baxx minħabba li l-implimentazzjoni tal-RRF kienet fi stadju bikri, u wkoll minħabba li ma ġewx inklużi l-istadji importanti u l-miri li għalihom ma setax jiġi stabbilit l-impatt fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

### L-ebda rappurtar dwar l-infiq reali għall-azzjoni klimatika

#### Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**54** Jenħtieġ li r-rappurtar dwar il-kontribuzzjoni tal-RRF għall-azzjoni klimatika jkun affidabbli u bbażat fuq suppożizzjonijiet solidi. Biex ikun rilevanti għall-partijiet ikkonċernati, jenħtieġ li jipprovdi immaġni preċiża tal-infiq reali fuq l-azzjoni klimatika u tal-kontribuzzjoni għall-miri klimatiċi tal-UE<sup>50</sup>.

**55** Eżaminajna kif il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni tal-RRF għall-klima lejn il-mira ta' 37 % u dwar l-allokazzjonijiet nazzjonali tal-RRPs (il-paragrafu **06**).

**56** Ir-rekwiżit li jiġu ddedikati 37 % tal-allokazzjonijiet nazzjonali għall-azzjoni klimatika ġie vverifikat minn qabel fil-fażijiet tat-tfassil u tal-approvazzjoni tal-RRPs (il-paragrafu **09**). Imbagħad fir-rapport annwali tagħna dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-2022 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni rrappurtat li l-RRF kienet kisbet kontribuzzjoni għall-klima ta' EUR 203 biljun, jew 40 %<sup>51</sup>. Dan kien ibbażat fuq il-kostijiet stmati kif indikat mill-Istati Membri fl-RRPs inizjali tagħhom u mhux fuq in-nefqa reali. Fi Frar 2024, il-kontribuzzjoni għall-klima ppjanata żdiedet, minħabba

<sup>49</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, [NGEU Report on the impact of green bonds](#), 2023, p. 17.

<sup>50</sup> Abbażi tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku, [Recommended practice guideline 3 - Reporting Service Performance Information](#).

<sup>51</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, ir-[Rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni 2022](#), il-Volum II, p. 9.

r-reviżjonijiet tal-RRPs u, skont il-Kummissjoni, tirrappreżenta EUR 275 biljun jew 42.5 % (il-[Figura 5](#)).

**57** Il-Kummissjoni ma timmonitorjax is-sehem u l-ammonti reali tal-kontribuzzjoni tal-RRPs għall-klima, billi r-[Regolament dwar l-RRF](#) ma jirrikjedix li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-infiq reali fuq il-klima li jikkontribwixxi lejn il-mira ta' 37 %, iżda fuq il-kostijiet stmati (il-paragrafu [56](#)). Fil-qafas tal-ftehimiet ta' finanzjament jew ta' self tal-RRF tagħhom mal-Kummissjoni, l-Istati Membri huma obbligati jiddikjaraw in-nefqa żborżata kumulattiva totali li tikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiki<sup>52</sup>. Skont il-ftehimiet, din l-informazzjoni ma titteħidx inkunsiderazzjoni għall-pagamenti tal-RRF. Fil-fehma tagħna, il-Kummissjoni tista' tużaha biex timmonitorja l-infiq reali fuq il-klima. Madankollu, dan ma huwiex il-każ.

**58** Il-kostijiet reali għal kwalunkwe miżura tal-RRF, irrispettivament mill-kontribuzzjoni tagħha għall-klima, jistgħu jvarjaw sinifikattivament mill-kostijiet li jkunu ġew stmati meta l-RRPs ġew approvati b'impatt fuq is-sehem tal-kontribuzzjoni għall-klima. Kif ikkonfermat mill-Kummissjoni, il-pagamenti jenħtieġ li jsiru anki jekk il-kost reali tal-miżura sottostanti jkun aktar baxx (jew oġhla) milli kien stmat inizjalment (il-paragrafu [47](#) u l-[Kaxxa 6](#)), sakemm jiġu milfuqa l-istadji importanti u l-miri. Irrispettivament mid-differenzi, l-ammont sħiħ oriġinarjament ippjanat bħala l-kost ta' din il-miżura xorta se jgħodd bis-sħiħ lejn il-mira klimatika tal-RRP. Għalhekk, inqisu li hemm riskju li l-informazzjoni rrappurtata jaf ma tirriflettix il-kontribuzzjoni reali lejn il-klima ta' RRP, li għandu impatt fuq l-obbligu ta' rendikont fuq il-mira ta' 37 %.

**59** Barra minn hekk, hemm riskju li dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-klima u l-assorbiment bil-mod se jkollhom impatt fuq il-kisba tal-kontribuzzjoni sħiħa għall-klima ta' EUR 275 biljun (il-paragrafu [56](#)). Il-proġetti jiddewmu, pereżempju, minħabba dewmien fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku jew dewmien fil-kisba ta' awtorizzazzjonijiet operattivi. Ix-xogħol tagħna sab ukoll li l-awtoritajiet nazzjonali stmaw b'mod insuffiċjenti il-ħin meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri. Miżuri oħra jiffaċċjaw domanda aktar baxxa milli mistennija, element li jaffettwa l-assorbiment tal-fondi (il-[Kaxxa 8](#)). Il-kontribuzzjoni reali għall-klima mill-RRPs se tkun iżgħar minn dik ikkalkulata inizjalment jekk il-miżuri relatati jew ma jkunux tlestew, jew inkella jkunu tlestew parzjalment biss sad-dati ta' skadenza tal-RRF.

<sup>52</sup> L-Article 7 tal-Ftehim ta' Finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

## Kaxxa 8



### Eżempji ta' miżuri li jiffaċċjaw sfidi li jistgħu jaffettwaw ir-rappurtar dwar il-klima



#### L-ebda offerent interessat fil-miżura

Fis-**Slovakkja**, għadu għaddej l-akkwist pubbliku għall-bini ta' sptar ġdid li kien ippjanat li jitlesta f'nofs l-2026. L-offerta inizjali ma attirat l-ebda offerent, billi l-ebda kuntrattur ma ried jimpenja ruħu għad-dati ta' skadenza stretti, kif ikkonfermaw l-awtoritajiet Slovakkji. Skont l-RRP Slovakk, dan huwa wieħed mill-investimenti kbar li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika.



#### Dewmien fl-implimentazzjoni

Il-proġetti għall-produzzjoni tal-idroġenu jridu jgħaddu minn proċess twil biex tinkiseb awtorizzazzjoni biex joperaw. Id-dewmien fil-kisba tal-permessi u t-tfixkil fil-katina tal-provvista naqqsu wkoll ir-ritmu tal-implimentazzjoni. Fil-**Portugall**, fiż-żmien taż-żjara tagħna (Lulju 2023), 1 biss mit-23 proġett approvat kien irċieva pagament bil-quddiem biex jibda x-xogħlijiet.



#### Interess baxx fil-miżura

Fil-**Greċja**, miżura għall-elettromobbiltà biex jiġu ffinanzjati l-punti tal-iċċarġjar kienet irċeviet biss 171 applikazzjoni sa Jannar 2024. Dan l-ammont jirrappreżenta 2.7 % tal-mira finali, li juri livell baxx ta' interess f'termini ta' parteċipazzjoni fl-azzjoni mir-riċevituri finali. Bl-istess mod, 6 % biss tal-għadd ippjanat ta' taxis qed jiġu sostitwiti b'vetturi elettriċi. Biex jindirizzaw l-użu baxx, l-awtoritajiet nazzjonali żiedu l-appoġġ biex jissostitwixxu t-taxis l-antiki u estendew d-data ta' skadenza tal-applikazzjoni għall-benefiċjarji.

## L-ebda rabta bejn l-infiq u r-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika

Il-kriterji tal-awditjar tagħna

**60** Jenħtieġ li r-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika jkun affidabbli u bbażat fuq suppożizzjonijiet solidi. L-informazzjoni ppubblikata jenħtieġ li tiddivulga b'mod ċar il-metodoloġija użata għall-kumpilazzjoni tagħha<sup>53</sup>.

<sup>53</sup> Abbażi tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku, Recommended practice guideline 3 - Reporting Service Performance Information.

**61** Eżaminajna l-metodoloġija użata mill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-progress li sar lejn il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika. Ivvalutajna wkoll l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika ddivulgata fit-[Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF](#).

**62** Il-Kummissjoni tapplika metodoloġija biex tirrapporta dwar it-tranżizzjoni ekoloġika li hija differenti minn dik użata għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni għall-klima ta' 37 %. Għat-tranżizzjoni ekoloġika, il-pilastru primarju jew sekondarju assenjat għal kull miżura jiġi ponderat l-istess: il-metodoloġija ma tagħmilx distinzjoni skont jekk il-kontribuzzjoni stmata għall-objettiv klimatiku u ambjentali hijiex sinifikanti (100 %) jew moderata (40 %). Meta miżura tiġi assenjata għat-tranżizzjoni ekoloġika taħt il-pilastru kemm primarji kif ukoll sekondarji, l-istadji importanti u l-miri tagħha jgħoddu darbtejn għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-Kummissjoni tistma li każijiet bħal dawn irrappreżentaw madwar 1.8 % tas-submiżuri inklużi fis-27 RRP oriġinali.

**63** Differenza oħra bejn iż-żewġ metodoloġiji hija li l-kontribuzzjoni lejn il-mira ta' 37 % tiġi kkalkulata biss *ex ante* (il-paragrafu [56](#)). Minflok, ir-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika huwa maħsub biex jittrekka l-progress, u l-leġiżlazzjoni dwar l-RRF tinkludi obbligu ta' rappurtar dwar in-nefqa skont il-pilastru <sup>54</sup> (il-[Figura 3](#)). Il-Kummissjoni tqis li din id-dispożizzjoni ġiet issodisfata billi tirrapporta dwar l-iżborżi lill-Istati Membri abbażi tat-twertiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri (il-paragrafu [03](#)). Fil-fehma tagħna, ir-[Regolament dwar l-RRF](#) mhuwiex ċar dwar jekk ir-rappurtar għandux jirreferi għal nefqa reali aktar milli għal nefqa stmata, u l-Kummissjoni tirrapporta biss in-nefqa stmata<sup>55</sup>.

**64** Sabiex tirrapporta dwar il-progress fl-iżborżi skont il-pilastru, il-Kummissjoni tikkalkula l-valur tal-unità ta' stadju importanti jew ta' mira. Dan in-numru jinkiseb billi l-allokkazzjoni totali tal-RRF għal Stat Membru tiġi diviżja bl-għadd totali tiegħu ta' stadji importanti u miri<sup>56</sup>. L-istadji importanti u l-miri mhumiex assenjati direttament lill-pilastru. Biex tistabbilixxi liema pilastru huma rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, il-Kummissjoni tivverifika l-pilastru primarji u sekondarji tal-miżuri sottostanti (il-paragrafu [05](#)). L-istadji importanti u l-miri jitqiesu li qed jikkontribwixxu għall-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika dment li mill-inqas waħda mis-submiżuri tagħhom tkun assoċjata miegħu.


<sup>54</sup> L-Artikolu 29(3) tar-[Regolament dwar l-RRF](#).

<sup>55</sup> Ir-[Rapport Speċjali 26/2023](#), il-paragrafu VII.

<sup>56</sup> Ir-[Rapport Speċjali 26/2023](#), il-paragrafu 78.

**65** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF (il-paragrafu 05) tipprovdi informazzjoni dwar l-iżborżi tal-Kummissjoni skont il-pilastru u dwar l-istadji importanti u l-miri miksuba. Minn Frar 2024, l-Istati Membri kienu rċevew EUR 103 biljun f'għotjiet u EUR 54 biljun f'self (minbarra t-13 % tal-prefinanzjament għal madwar EUR 68 biljun). L-iżborżi marbuta mal-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika jirrappreżentaw 17 % (EUR 27.2 biljun) tal-iżborżi kollha sa issa (il-**Figura 13**). Meta jitqies li l-miżuri rilevanti għall-klima waħedhom jenħtieġ li jikkontribwixxu 42.5 % tal-ammont allokat tal-RRF (il-paragrafu 09), u li t-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li tinkludi 34 miżura ambjentali addizzjonali li ma jinqabdux mill-eżerċizzju ta' trekkjar klimatiku, dan l-ammont għadu pjuttost baxx.

**Figura 13 – Żborżi skont il-pilastru, kif murija fit-Tabella ta' valutazzjoni tal-RRF (f'biljun EUR)**



Sors: it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF, data fi Frar 2024.

**66** L-approċċ użat għar-rappurtar jista' jwassal għal stima eċċessiva jew insuffiċjenti tal-ammonti li jkunu għew irrappurtati bħala żborżati għat-tranżizzjoni ekoloġika, billi l-valur tal-unità tal-istadji importanti u l-miri ma jirrifletti la l-kostijiet reali u lanqas dawk stmati tal-miżuri. Pereżempju, miżura dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bini fil-Portugall għandha miri relatati maż-żona rinnovata. Bl-użu tal-valur tal-unità,

ir-rinnovazzjoni ta' 45 000 m<sup>2</sup> se tingħadd għat-tranżizzjoni ekoloġika bl-istess mod bħar-rinnovazzjoni ta' 315 000 m<sup>2</sup>.

**67** Ir-rapport preċedenti tagħna dwar il-qafas ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-RRF qies li n-nuqqas ta' *data* dwar in-nefqa reali jillimita l-valutazzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-RRF u l-livell tal-prestazzjoni tal-RRF fil-livell tal-pilastri tagħha. Għalhekk, huwa rrakkomanda lill-Kummissjoni<sup>57</sup> biex tirrapporta dwar in-nefqa reali, u l-Kummissjoni rrifjutat.

**68** Ir-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika huwa affettwat aktar mill-fatt li l-biċċa l-kbira mill-istadji importanti u l-miri bikrija huma marbuta mal-ewwel passi tal-implimentazzjoni (bħall-approvazzjoni ta' sejħa għal proġetti). Dan ifisser li l-pagamenti bikrija lill-Istati Membri mhumiex neċessarjament marbuta ma' proġetti reali, jekk l-istadji importanti u l-miri tagħhom huma marbuta ma' riformi jew ma' stadji preparatorji biex titnieda miżura, pereżempju. Għal dawk il-proġetti li ma tlestewx, jew għal miżuri li jonqsu milli jissodisfaw l-aħħar stadju importanti jew mira, il-Kummissjoni ma tistax tirkupra fondi diġà żborżati, billi r-[Regolament dwar l-RRF](#) ma jipprevedix din il-possibiltà. Billi t-Tabella ta' Valutazzjoni tirrifletti l-ammonti żborżati lill-Istati Membri, il-Kummissjoni ma tirrevedix dak li jkun ġie rappurtat f'tali każijiet.

**69** B'mod ġenerali, sibna li r-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika ppreżentat fit-[Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF](#) joħloq konfużjoni. La l-ammonti stmati u lanqas il-kostijiet reali tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika ma jittieħdu inkunsiderazzjoni, billi r-rappurtar huwa bbażat fuq valuri tal-unità (il-paragrafu [66](#)). Għalhekk, it-[Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF](#) ma tipprovdix lill-utenti b'informazzjoni kompleta u affidabbli dwar l-ammonti reali minfuqa fuq it-tranżizzjoni ekoloġika.

---

<sup>57</sup> Ir-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafu 87 u r-Rakkomandazzjoni 4b.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**70** Wieħed mill-għanijiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-miri klimatiċi tal-UE. B’mod partikolari, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiddedikaw mill-inqas 37 % tal-fondi ppjanati għal azzjonijiet relatati mal-klima (il-paragrafi **01-09**).

**71** L-awditu li wettaqna fittex li jivvaluta jekk it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Faċilità u tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza humiex qed jikkontribwixxu b’mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza pprovdiet inċentiv biex isir investiment fl-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni ekoloġika. Madankollu, sibna dgħufijiet fit-tfassil tal-Faċilità li kkonfermajna meta vvalutajna l-implimentazzjoni tagħha. Nikkonkludu li d-dgħufijiet miġbura fil-qosor fil-**Figura 14** u spjegati hawn taħt iqajmu dubji dwar l-ilħuq tal-oġġettivi tagħha lejn it-tranżizzjoni ekoloġika.

**Figure 14 – Nuqqasijiet fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-Faċilità lejn it-tranżizzjoni ekoloġika**



Sors: il-QEA.

**72** L-analiżi li wettaqna turi li filwaqt li l-azzjoni klimatika hija trekkjata u tgħodd lejn il-mira ta' 37 %, hija idjaq fil-kamp ta' applikazzjoni mit-tranżizzjoni ekoloġika, li tinkludi l-oġġettivi tal-bijodiversità u dawk ambjentali minbarra l-oġġettivi klimatiki.

Il-metodoloġija użata biex tiġi trekkjata l-azzjoni klimatika hija bbażata fuq tliet koeffiċjenti klimatiki (0 %, 40 %, u 100 %) marbuta mal-kontribuzzjoni mistennija tal-miżuri għall-oġġettivi klimatiki, kif previst fir-[Regolament dwar l-RRF](#). Il-koeffiċjenti klimatiki uniċi spiss ġew applikati għal miżuri li jinkludu sett wiesa' ta' azzjonijiet, li mhux kollha huma marbuta mal-klima, u l-kostijiet sottostanti tagħhom. Biex tistma aħjar il-kontribuzzjoni għall-klima, il-Kummissjoni introduċiet il-kunċett ta' submiżuri. Fil-prattika, il-kontribuzzjoni għall-klima mill-miżuri mhux dejjem kienet irfinata, u dan ikkawża livell għoli ta' approssimazzjoni, li wassal għal stimi x'aktarx eċċessivi, b' mod partikolari għal miżuri kumplessi b'elementi li jenħtieġ li jkollhom kontribuzzjonijiet klimatiki differenti (il-paragrafi [15-22](#)).

**73** Ix-xogħol tagħna juri wkoll li xi koeffiċjenti klimatiki stabbiliti fir-[Regolament dwar l-RRF](#) (ferroviji, grilji tal-elettriku u bini ġdid) ma jirriflettux il-kontribuzzjoni mistennija għall-miri klimatiki tal-UE, pereżempju billi ma jitqisux l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-fażi tal-kostruzzjoni tal-investimenti, li fir-realtà jwasslu għal kontribuzzjoni aktar baxxa għall-klima. Bl-użu ta' koeffiċjenti għall-klima iktar konservattivi għal dawn it-tliet kategoriji milli dawk li huma stabbiliti fir-Regolament, ikkalkulajna stimi x'aktarx eċċessivi ta' EUR 34.5 biljun fil-kontribuzzjoni għall-klima tal-RRF. Barra minn hekk, il-qafas ta' prestazzjoni ma jippermettix li jiġi trekkjat l-impatt tal-miżuri kollha li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u ma jkoprix aspetti ewlenin, bħat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew il-kontribuzzjoni għall-oġġettivi ambjentali (il-paragrafi [23-24](#)).

## **Rakkomandazzjoni 1 — Tistma aħjar l-infiq fuq il-klima taħt strumenti futuri ta' finanzjament**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri relatati mal-klima, interventi jew azzjonijiet jiġu diżaggregati f'livell li jippermettilhom jintrabtu mal-kontribuzzjoni xierqa u ġustifikabbli għall-klima, li jirriżulta f'valutazzjoni aktar dettaljata u preċiża tal-infiq fuq il-klima.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: meta jiġu proposti strumenti li jeħtieġu t-trekkjar klimatiku**

## Rakkomandazzjoni 2 – Tiżgura tfassil adegwat ta' strumenti ta' finanzjament futuri li se jappoġġaw l-oġġettivi u l-miri ambjentali u klimatiċi

---

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tivvaluta kif l-istrumenti ta' finanzjament li jaħdmu lejn l-oġġettivi u l-miri klimatiċi tal-UE jkunu jipprovdu informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni attwali tagħhom biex jilħquhom;
- (b) tkopri, fil-qafas tagħha għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, dawk l-investimenti rilevanti għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: meta jiġu proposti kwalunkwe strumenti b'oġġettivi klimatiċi u ambjentali**

**74** Sibna li l-inklużjoni ta' miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza kienet affettwata mill-perjodu limitat tal-Faċilità, u ma kienx ċar kemm il-pjanijiet nazzjonali jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika. Xi miżuri ġew assenjati lil oqsma ta' intervent li ma kinux jirriflettu n-natura tagħhom, u dan irriżulta f'kontribuzzjonijiet oġġla għall-klima, jew ma kinux rilevanti għall-klima, b'hal submiżuri għall-kostijiet amministrattivi. Sibna wkoll li xi investimenti relatati mal-klima ma kinux marbuta biżżejjed ma' stadji importanti u miri li huma rilevanti għall-klima jew li jħallu impatt (il-paragrafi [25-35](#)).

**75** Sibna wkoll inkonsistenzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", billi, meta japplikaw approċċi simplifikati, l-Istati Membri mhux dejjem kienu meħtieġa jivvalutaw bir-reqqa l-ħtieġa għal miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati mal-investimenti tagħhom. Identifikajna każijiet fejn l-Istati Membri ffinanzjaw proġetti li ma kinux jikkorrispondu għal deskrizzjoni ta' miżura, b'impatti fuq l-effettività u l-livell ta' kontribuzzjoni għall-klima (il-paragrafi [36-47](#)).

## Rakkomandazzjoni 3 — Issaħħaħ il-prestazzjoni tal-miżuri ta' tranżizzjoni ekoloġika

---

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tieħu miżuri biex tindirizza inkonsistenzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" mill-Istati Membri meta jużaw l-approċċ simplifikat.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2025**

- (b) jekk il-miżuri marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika jiġu riveduti, tiżgura li l-istadji importanti u l-miri jittrekjaw il-progress li jkunu għamli l-miżuri sal-ikkompletar, sabiex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżuri jkunux laħqu l-oġettivi klimatiċi u ambjentali tagħhom.

#### **Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2025**

**76** Il-Kummissjoni ma għandhiex biżżejjed informazzjoni biex tevalwa l-prestazzjoni tal-miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, minħabba l-limitazzjonijiet fil-qafas ta' monitoraġġ. Il-Kummissjoni tirrapporta biss dwar l-ammonti relatati mal-klima allokat *ex ante*. Għalhekk, l-informazzjoni ppreżentata ma teħux inkunsiderazzjoni l-livell ta' nfiq reali, li huwa affettwat minn diversi fatturi, bħal dewmien u assorbiment bil-mod. Dawn il-fatturi jistgħu jwasslu għal stima eċċessiva u stima insuffiċjenti tal-kontribuzzjoni għall-klima. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jirrapportaw dwar in-nefqa żborżata fuq il-klima, iżda din l-informazzjoni ma tintużax mill-Kummissjoni biex tirrapporta l-rigward il-mira kwantitattiva ta' 37 %. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tiggarrantixxi bis-sħiħ l-obbligu ta' rendikont fuqha (il-paragrafi [48-59](#)).

**77** It-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza tittrekka l-pagamenti li jsiru mill-Kummissjoni lill-Istati Membri. Skont il-prinċipji tal-RRF, dawn il-pagamenti mhumiex marbuta mal-kostijiet sottostanti ta' miżura u, b'konsegwenza ta' dan, ma jirrappreżentawx il-livell ta' nefqa reali relatata mal-klima. Barra minn hekk, l-istadji importanti u l-miri milħuqa mhux neċessarjament jirriflettu l-ambizzjoni tal-miżura korrispondenti li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Minħabba f'hekk, ir-rappurtar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika jisfa mhux affidabbli għar-rappurtar tan-nefqa reali (il-paragrafi [60-69](#)).

## Rakkomandazzjoni 4 — Ittejjeb ir-rappurtar dwar l-infiq fuq il-klima taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

---

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġbor u tippubblika informazzjoni diġa pprovduta mill-Istati Membri dwar il-kostijiet reali tal-miżuri relatati mal-klima, tqabbilhom mal-kostijiet stmati fil-pjanijiet nazzjonali, u tikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjoni reali għall-klima lejn il-mira ta' 37 %.

### Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026

Nota: Fir-[Rapport Speċjali 26/2023](#) tagħna, il-Kummissjoni ma aċċettatx ir-rakkomandazzjoni tagħna li jenħtieġ li tirrapporta dwar in-nefqa reali ffinanzjata mill-Faċilità taħt is-sitt pilastri, bħala bażi għall-valutazzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-4 ta' Lulju 2024.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy  
*Il-President*

## Anness– L-għażla tagħna ta' miżuri

Qasam rilevanti/ Stat Membru	Il-Greċja	Il-Kroazja	Il-Portugall	Is-Slovakkja
L-enerġija rinnovabbli u s-settur tal-enerġija	EL-C[1,1]-I[16926] Appoġġ għall-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin biex tittejjeb il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli	HR-C[C12]-I[R1-I1] Ir-rivitalizzazzjoni, il-bini u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u appoġġ lill-infrastruttura għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija	PT-C[C14]-I[i01] Idroġenu rinnovabbli u gassijiet oħra	SK-C[C1]-I[I2] L-immodernizzar tas-sorsi tal-elettriku rinnovabbli eżistenti (repowering)
Effiċjenza enerġetika	EL-C[1,2]-I[16872] Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini residenzjali	HR-C[C61]-I[R1-I1] Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini	PT-C[C13]-I[i01] Effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali	SK-C[C2]-I[I1] L-effiċjenza enerġetika tad-djar tal-familja
Mobbiltà sostenibbli	EL-C[1,3]-I[16924] Elettromobbiltà — punti tal-iċċarġjar, karozzi tal-linja elettriċi, taxis elettriċi	HR-C[C14]-I[R5-I2] Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi ġodda ta' mobbiltà u l-infrastruttura ta' appoġġ	PT-C[C15]-I[i01] Espansjoni tan-network tal-metro	SK-C[C3]-I[I1] L-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju
Dekarbonizzazzjoni tal-industrija	EL-C[4,7]-I[16980] Faċilità ta' Self RRF	HR-C[C111]-I[R4-I2] Strument finanzjarju għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju	PT-C[C11]-I[i01] Dekarbonizzazzjoni tal-industrija	SK-C[C4]-I[I1] L-operat tal-iskema ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija
Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali	EL-C[1,4]-I[16849] Il-Pjan Nazzjonali ta' Reforestazzjoni u l-investment ewlieni ta' Parnitha	HR-C[C15]-I[R1-I1] Kostruzzjoni u tagħmir ta' ċentri loġistiċi u ta' distribuzzjoni għall-frott u l-ħxejjex	PT-C[C08]-I[i05] Programm tal-foresti	SK-C[C5]-I[I1] L-adattament tar-reġjuni għat-tibdil fil-klima

Qasam rilevanti/ Stat Membru	Il-Greċja	Il-Kroazja	Il-Portugall	Is-Slovakkja
Setturi oħrajn	EL-C[4,6]-I[16634] Parks Industrijali Ġodda	HR-C[C13]-I[R1-I2] Programm pubbliku għall-iżvilupp tal-provvista tal-ilma	PT-C[C12]-I[i01] Bioekonomija	SK-C[C11]-I[I2] Network ġdid tal-isptarijiet — kostruzzjoni, rikostruzzjoni u tagħmir

# Abbrevjazzjonijiet

**DNSH:** La tagħmilx ħsara sinifikanti

**GHG:** Gass serra

**MW:** Megawatt

**NGEU:** NextGenerationEU

**RRF:** Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**RRP:** Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

# Glossarju

**Adattament għat-tibdil fil-klima:** It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-pajjiżi u tal-komunitajiet għat-tibdil fil-klima billi tiżdied l-abbiltà tagħhom li jassorbu l-impatti tiegħu.

**Assorbiment:** Il-punt sa fejn l-Istati Membri rċevew finanzjament taħt l-RRF mill-Kummissjoni biex jintlaħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri.

**Azzjoni klimatika:** Azzjoni biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu.

**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza:** Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, jiġi stimulat l-irkupru u jintlaħqu l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u aktar diġitali.

**Indikatur komuni:** Varjabbli li jista' jitkejjel, u li jipprovdi informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza lejn objettivi komuni u l-prestazzjoni ġenerali tal-RRF.

**Investiment:** Nefqa fuq attività, proġett jew azzjoni oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-RRF li hija mistennija li ġġib riżultati ta' benefiċċju għas-soċjetà, għall-ekonomija jew għall-ambjent.

**Koeffiċjent klimatiku:** Ponderazzjoni assenjata lill-infiq tal-UE fuq proġetti, miżuri jew azzjonijiet biex jiġi rifless kemm jinkorporaw kunsiderazzjonijiet klimatiki.

**Kontribuzzjoni għall-klima:** Stima tal-infiq taħt l-RRF ta' Stat Membru fuq l-azzjoni klimatika.

**La tagħmilx ħsara sinifikanti:** Prinċipju li l-miżuri ta' investiment jenħteġ li ma jkollhomx impatt ambjentali detrimentali kbir.

**Mira:** Kejl kwantitattiv tal-progress ta' Stat Membru lejn it-tlestija ta' riforma speċifika jew investiment speċifiku fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima:** It-tnaqqis jew il-limitazzjoni tal-emissjoni ta' gassijiet serra minħabba l-effett tagħhom fuq il-klima.

**Monitoraġġ:** L-osservazzjoni u l-verifikazzjoni sistematiċi tal-progress, parzjalment permezz ta' indikaturi, lejn l-ilħuq ta' objettiv.

**NextGenerationEU:** Pakkett ta' finanzjament biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirkupraw mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19.

**Pilastru:** Terminu użat għal kull wieħed mis-sitt oqsma ta' politika li jiffurmaw l-RRF: (i) it-tranżizzjoni ekoloġika; (ii) it-trasformazzjoni diġitali; (iii) il-koeżjoni ekonomika, il-produttività u l-kompetittività; (iv) il-koeżjoni soċjali u territorjali; (v) is-saħħa, u reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali; (vi) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss.

**Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza:** Dokument li jistipula r-riformi u l-investimenti intenzjonati ta' Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

**Prestazzjoni:** Kejl ta' kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjati mill-UE jkunu laħqu l-oġġettivi tiegħu u ta' kemm jipprovdu valur għall-flus.

**Qasam ta' intervent:** Kategorija ta' attivitajiet iffinanzjati mill-RRF, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni jew mill-Fond Soċjali Ewropew.

**REPowerEU:** Inizjattiva tal-UE biex tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jiġu diversifikati l-provvisti tal-enerġija u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

**Riforma:** Fil-kuntest tal-RRF, bidla li tirriżulta f'titjib sinifikanti u dejjiemi fil-funzjonament ta' suq, politika, jew strutturi istituzzjonali jew amministrattivi, jew fi progress sinifikanti lejn oġġettivi ta' politika bħat-tkabbir u l-impjiegi, ir-reżiljenza u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Stadju importanti:** Kejl kwalitattiv tal-progress ta' Stat Membru lejn it-tlestija ta' riforma jew investiment fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

**Tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza:** Is-sit web tal-Kummissjoni li juri kif qed tavvanza l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri.

**Trekkjar klimatiku:** Il-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri tal-infiq fuq l-azzjoni klimatika.

## Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-14>

## Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2024-14>

## Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jstabilixxu r-risultati tal-awditi tagħha tal-politiki u tal-programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar bil-għan li jħallu l-akbar impatt possibbli billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar – Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Ildikó Preiss, Kap tal-Kabinett u Paolo Pesce, Attaché tal-Kabinett; Ramona Bortnowschi, Maniġer Prinċipali; Antonella Stasia, Kap tal-Kompitu; Marika Meisenzahl u Asimina Petri, Deputati Kapijiet tal-Kompitu; Monika Dedicova u Zvonimir Novoselić, Awdituri; Laura Mcmillan, Jerónimo Montenegro, Marin Pažanin, Jennifer Schofield, Hana Vendlekova u Aikaterini Vraila pprovdew appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Ildikó Preiss, Zvonimir Novoselić, Joëlle Elvinger, Jerónimo Montenegro, Antonella Stasia, Paolo Pesce, Ramona Bortnowschi, Monika Dedicova, Asimina Petri, Marika Meisenzahl, Aikaterini Vraila u Marin Pažanin.

# DRITT TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jistgħux ibiddu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figuri 2, 3, 8, 9, 10, 14; Kaxex 2, 3, 5, 6, 7, 8; Tabella 1 – Ikoni: dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati. Figura 2 – Ikona: Il-Kummissjoni Ewropea. Figura 13 – © Unjoni Ewropea.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

## Użu tal-logo tal-QEA

Ma jstax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-2534-6	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/583097	QJ-AB-24-014-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-2622-0	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/205705	QJ-AB-24-014-MT-N

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi inċentiv lill-Istati Membri biex jinvestu fit-tranżizzjoni ekoloġika. Huma ppjanaw li jonfq EUR 275 biljun fuq l-azzjoni klimatika bħala parti mill-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika. Madankollu, l-analiżi li wettaqna żvelat nuqqasijiet fit-tfassil tal-Faċilità u fl-implimentazzjoni tal-miżuri għat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan wassal għal stimi x'aktarx eċċessivi tal-ammonti allokat għall-azzjoni klimatika, diskrepanzi bejn l-ippjanar u l-prattika, u indikazzjoni fqira tal-kontribut attwali tal-miżuri lejn it-tranżizzjoni ekoloġika. Mhemm l-ebda rekwiżit fil-leġiżlazzjoni biex tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni tal-Faċilità lejn l-oġġettivi klimatiċi tal-UE, u lanqas rapport dwar l-infiq reali, li jillimita r-rilevanti għall-partijiet ikkonċernati. Aħna għamilna diversi rakkomandazzjonijiet biex jittejjbu t-tfassil u l-effettività tal-fondi mill-UE rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/contact](https://eca.europa.eu/mt/contact)  
Sit web: [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)  
Twitter: @EUAuditors